# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1170/13/1 JRM**

**Karmena Callus, Josephine *sive* Joyce Fenech Borg, Josephine Cassar, John Mercieca, Philip *sive* Pinu Mercieca f'ismu proprju u f'isem l-assenti Peter Mercieca u Paul Mercieca, Saviour Farrugia, u Josephine Mifsud**

**v.**

**Dione Cassar u Charmaine Falzon, kif ukoll Filippa *sive* Pina Bonnici u Frances Cassar għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Dione Cassar minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2021, għaliex qiegħed jippretendi: (i) li t-talba attriċi kellha tiġi

milqugħa limitatament għas-somma ta' €12,778.53 u mhux għas-somma ta' €13,418.53 kif mitlub; u (ii) li fuq tali ammont m'għandux jitlaq imgħax, u li jekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, għandha ssib li l-imgħax għandu jinġema' fuq kull pagament rateali minn dakinhar li tali pagament isir dovut, u mhux mis-6 ta' Diċembru 2013, kif ordnat l-Ewwel Qorti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-6 ta' Diċembru 2013, l-atturi fissru li permezz ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 13 ta' Jannar 2011, Spiridione Fenech, awtur tagħhom, kien silef lill-konvenuti Dione Cassar u Charmaine Falzon flimkien u *in solidum* is-somma ta' €19,802.91, li l-istess Cassar u Falzon intrabtu li jroddulu lura mingħajr imgħax b'pagamenti ta' €160-il wieħed. Fissru li l-imsemmi Spiridione Fenech miet fis-16 ta' Frar 2011, meta Cassar u Falzon kienu laħqu għamlu biss pagament wieħed. Qalu li wara diversi talbiet min-naħa tagħhom, fi Frar 2013 Cassar u Falzon ħallsu l-pagamenti dovuti minnhom sa dakinhar, iżda mbagħad għaddewlhom diversi ċekkijiet li wħud minnhom jew ma ssarfux jew kienu għal ammonti inqas minn dawk dovuti.

3. L-atturi komplew jgħidu li Cassar u Falzon waqfu għalkollox milli jagħmlu l-ħlasijiet dovuti minnhom u wrew biċ-ċar li ma kinux fi ħsiebhom iħallsuhom l-ammonti dovuti lilhom. Sostnew li ladarba waqfu milli

jagħmlu l-pagamenti huma tilfu l-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom minn Spiridione Fenech u li għalhekk il-bilanċ tas-self pagabbli lilhom għandu jitħallas lilhom minnufih.

4. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża[1] fejn talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati Dione Cassar u Charmaine Falzon huma debituri bejniethom tal-esponenti fis-somma ta' €13,418.53 jew somma oħra verjuri, rappreżentanti sehem l-esponenti mill-bilanċ tas-self mogħti lill-intimati Dione Cassar u Charmaine Falzon minn Spiridione Fenech bl-iskrittura tat-13 ta' Jannar 2011;*

*(ii) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati Dione Cassar u Charmaine Falzon tilfu l-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom mill-istess Spiridione Fenech;*

*(iii) Konsegwentement tikkundanna lill-intimati Dione Cassar u Charmaine Falzon flimkien u in solidum sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma hekk dovuta minnhom, bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' dan ir-rikors ġuramentat sad-data tal-ħlas effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-intimati li jibqgħu inġunti minn issa għas-subizzjoni.»*

5. Fis-17 ta' Jannar, 2014 il-konvenuta Charmaine Falzon wieġbet għar-rikors maħluf, fejn ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet għandhom jiġu respinti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi l-konvenuta Charmaine Falzon għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi mhix il-leġittimu kontradittur, in vista tal-fatt illi d-debitu de quo [agitur] kien sussegwentement ġie assenjat permezz ta' skrittura privata redatta min-nutar Dr Vanessa Pool, datata 11 ta' Mejju 2012, iffirmata minn kull waħda mill-atturi;*

*3. Illi l-konvenuta Falzon tirrileva illi hi mhix qed tikkontesta dak espost*

[1] Huma spjegaw li peress li l-intimati <u>Filippa *sive* Pina Bonnici</u> u <u>Frances Cassar</u> (ukoll suċċessuri ta' Spiridione Fenech) ma kkoperawx magħhom għall-ħlas lura tas-self mogħti lil Cassar u Falzon, kellhom jiċċitawhom f'dan il-ġudizzju għall-integrità tiegħu.

*mill-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom fl-ewwel premessa u ċjoè l-kostituzzjoni ta' debitu tagħha u tal-intimat Dione Cassar u datata nhar it-13 ta' Jannar 2011 iżda li ma qalux l-atturi hu li dak id-dejn ġie assenjat lil minn wieħed [sic!] mill-atturi eredi tad-defunt Spiridione Fenech lil Dione Cassar aċċettanti. Illi kontestwalment f'dik l-iskrittura uħud mill-eredi tad-defunt irrilaxxjaw lill-konvenuta Falzon minn kwalsiasi obbligu naxxenti mill-iskrittura tat-13 ta' Jannar 2011;*

*4. Illi l-esponenti għandha għaliex tifhem illi dawn il-proċeduri saru b'mod vessatorju fil-konfront tagħha minn eredi li kienu ġa rrilaxxjawha mill-obbligi tagħha u allura ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

*5. Illi l-konvenuta tinsisti illi fl-għoti tas-sentenza tagħha il-qorti għandha tagħti provvediment ai termini ta' Skeda A, Tariffa A, Artikoli 10(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*[2]

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif premessi mil-liġi.»*

6. Fil-21 ta' Jannar 2014 il-konvenuti Filippa *sive* Pina Bonnici u Frances Cassar wieġbu għar-rikors maħluf, fejn ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;*

*2.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċeduri intavolati fil-konfront tal-intimati huma wkoll frivoli u vessatorji u għaldaqstant l-istess intimati għandhom jiġu liberati minn l-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

*3.Illi in ogni caso t-talbiet tar-rikorrenti qatt ma jistgħu jiġu legalment inforzati kontra l-intimati, li mhux il-leġittimi kontradittturi, u li fil-fatt huma wkoll kredituri tal-intimati Charmaine Falzon u Dione Cassar, stante illi huma wkoll werrieta tad-defunt Spiridione Fenech;*

*4.Illi fil-fatt, tant hu hekk illi ma saru ebda talbiet fil-konfront tal-intimati Filippa sive Pina Bonnici u Frances Cassar;*

*5.Illi konsegwentement, għalhekk, l-intimati m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din il-proċedura;*

*6.Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

[2] Din l-ħames eċċezzjoni ġiet irtirata mill-konvenuta Charmaine Falzon b'nota datata l-1 ta' Marzu 2017 (paġna 255 tal-proċess)

7. Fil-21 ta' Jannar 2014 il-konvenut Dione Cassar wieġeb għar-rikors maħluf, fejn ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit li l-atturi għandhom l-obbligu li jippruvaw li fil-fatt huma l-eredi ta' Spiro Fenech, u jippreżentaw id-dikjarazzjoni causa mortis li huma fil-fatt werrieta.*

*2. Illi ma ġewx esibiti d-dokumenti li juru dak li qegħdin isostnu r-rikorrenti. Jidher li l-ġudizzju mhux integru.*

*3. Illi r-rikorrenti għandhom jippruvaw l-għaliex taħt liema bażi, jew a bażi ta' liema artikolu kemm fl-iskrittura, jew fil-liġi stess, qiegħed jiġi mitlub li l-intimat tilef il-benefiċċju tat-terminu mogħti, u li dovut minnufih il-bilanċ.*

*4. Illi kif jirriżulta mill-att promutur stess, sa Frar 2013 l-ammont dovut sa dakinhar kien tħallas kollu, u bħala stat ta' fatt il-pagament minn Dione Cassar kien sar.*

*5. Illi l-intimat Dione Cassar għadda ċekkijiet dovuti, u għalhekk fl-att promutur qiegħed jingħad li tali ċekkijiet kienu għal ammonti anqas minn dawk dovuti, l-atturi qatt ma indikaw għal liema raġuni qiegħed jgħidu hekk.*

*6. Illi assolutament m'huwiex minnu li l-intimat Dione Cassar wera biċ-ċar li mhux fi ħsiebu jħallas lir-rikorrenti, anzi kienu l-atturi li għal xi raġuni jew oħra riedu tabilfors li l-ammont dovut lilhom jitħallas jew cash jew kollu lil persuna waħda, u mhux isiru ċekkijiet individwali. Inoltre, għal xi raġuni jew oħra, riedu ta' bil-fors li ċ-ċekk ikun ta' Dione Cassar u mhux ta' terzi li ħarġu ċ-ċekk (hekk kif jirriżulta minn Dok A anness). Inoltre, hekk kif jirriżulta mill-imsemmi dokument, li fih hemm iċ-ċekk imsemmi, tali ċekk huwa datat 28 ta' April 2013. Dan juri biċ-ċar li l-atturi mhux qed ikunu veritieri.*

*7. Illi inoltre, l-intimat Dione Cassar bagħat ċekkijiet anke permezz ta' posta reġistrata, fejn għal l-atturi, għal xi raġuni jew oħra, ma sarfux l-imsemmi ċekkijiet, u għaldaqstant, in vista ta' hekk, l-intimat Dione Cassar kien qiegħed jevalwa x' sejjer jagħmel, possibbilment li jiġu depożitati l-Qorti.*

*8. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont mitlub huwa aktar minn dak fil-fatt dovut, u dan kif sejjer jiġi pruvat waqt il-mori ta' din il-kawża.*

*9. Illi fir-rikors promutur qiegħed jiġi mitlub ukoll l-imgħax, li ma kienx patwit, u lanqas hu likwidu.*

*10. Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi t-talbiet attriċi*

*għandhom jiġu miċħuda in toto.*

*11. Salv risposta ulterjuri permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż.»*

8. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-atturi huma kredituri tal-imħarrkin Dione Cassar u Charmaine Falzon fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u tmintax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€13,418.53) bħala bilanċ mis-somma mislufa u mistqarra f'kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-13 ta' Jannar, 2011;*

***Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

***Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-imħarrka Charmaine Falzon bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

***Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin Dione Cassar u Charmaine Falzon, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' tlettax-il elf erba' mija u tmintax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€ 13,418.53) flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mis-6 ta' Diċembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;*

***Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin l-oħrajn sa fejn ma jaqblux mat-talbiet attriċi milqugħa; u*

***Tordna** li l-imħarrkin Dione Cassar u Charmaine Falzon iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.»*

9. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*«Illi <u>bħala fatti rilevanti illi joħorgu mill-atti</u> jirriżulta li l-imħarrkin Dione Cassar u Charmaine Falzon kienu sselfu flus minn fuq l-idejn mingħand Spiridione Fenech, iz-ziju ta' omm l-imħarrek Cassar, matul iż-żmien li kienu f'relazzjoni flimkien. Il-flus għaddew permezz ta' bank draft mingħand Spiridione Fenech (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-kreditur") lil oħt id-debitur Cassar, Graziella Hughes, fis-6 ta' Novembru, 2011, għas-somma ta' dsatax-il elf, tmein mija u żewġ ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€19,802.91). Graziella Hughes kellha prokura ġenerali f'isem huwa, Dione, u kienet tamministralu flusu hi. L-imħarrek jiġi bin l-imħarrka Frances Cassar, waħda min-neputijiet tal-kreditur min-naħa ta' ommha. L-*

*atturi huma wlied jew neputijiet ta' ħut il-kreditur (li lkoll mietu);*

*Illi permezz ta' kitba privata magħmula fit-13 ta' Jannar tal-2011*[3]*, mal-kreditur, l-imħarrkin Dione Cassar u Charmaine Falzon ddikjaraw li t-tnejn flimkien kienu midjunin lejh solidalment fis-somma ta' dsatax-il elf, tmien mija u żewġ ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€19,802.91) u ftiehmu li jħallsuh lura dik is-somma b'rati ta' mija u sittin ewro (€160) l-waħda kull xahar*[4]*;*

*Illi Dione Cassar għadda l-ewwel rata ta' ħlas ta' mija u sittin ewro (€160) lill-kreditur fit-30 ta' Jannar, 2011*[5]*;*

*Illi l-keditur miet ftit tal-jiem wara fis-16 ta' Frar, 2011, u billi kien għażeb, ħalla bħala werrieta lill-atturi kif ukoll lill-imħarrkin neputijietu Filippa sive Pina Bonniċi u Frances Cassar kif jidher mit-testment tiegħu tat-18 ta' Mejju tal-2009*[6]*. Lill-imħarrkin Bonniċi u Cassar ħallielhom ukoll legat bi ħlas tal-kuri u s-serviġi li għamlu miegħu matul bosta snin. It-testment infetaħ xi tliet xhur wara li ġie nieqes*[7]*;*

*Illi Graziella Hughes*[8] *xehdet li, mill-ammont mistuf mill-kreditur, hija għaddiet lill-imħarrka Falzon żewġ ammonti: wieħed biex Falzon għamlet depożitu fuq xi għamara, liema għamara llum tinstab fid-dar li ssejjaħ lil ħuha l-imħarrek, u l-ieħor fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200)*[9] *bħala depożitu fuq karozza li xtrat l-imħarrka Falzon stess;*

*Illi Jeffrey Hughes*[10]*, ir-raġel ta' Graziella, xehed ukoll li, f'Novembru, 2010, fuq talba li saritlu mill-imħarrek Cassar, personalment għadda elf ewro fi flus kontanti lill-imħarrka Falzon biex bihom setgħet taqta' xi obbligazzjonijiet li kellha ma' terzi. Il-flus ingħataw mis-somma mislufa lill-imħarrkin mill-kreditur. Ma tħalliet ebda rċevuta mill-imħarrka Falzon kontra dan l-ammont;*

*Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrka Falzon tiċħad dan. Filwaqt li tistqarr li huwa minnu li ngħatat flus, dawn ma ġewx mill-flejjes mislufa mill-kreditur għaliex tisħaq li l-flus li hi u l-imħarrek Cassar isselfu mingħandu kienu marru kollha bħala depożitu fuq il-konvenju biex setgħu jixtru d-dar li wara għaddiet is-sehem tagħha lill-imħarrek Cassar*[11] *meta r-relazzjoni tagħhom intemmet;*

---

[3] *Ara paġ. 10 -1 fl-atti tar-Rik Revoka Numru 48/2014JRM*
[4] *Skont ix-xhieda ta' Filippa Bonniċi f'paġ. 179 tal-proċess li kienet preżenti waqt il-ftehim, Charmaine Falzon u Dione Cassar ftehmu li l-ammont kellu jitħallas minnhom it-tnejn, xahar Cassar u xahar Falzon*
[5] *Ara Dok. "E" f'paġ. 114 tal-proċess*
[6] *Ara Dok "KC2" f'paġ. 17 fl-atti tar-Rik. Revoka Nru 1206/2013JRM*
[7] *Ara x-xhieda ta' Carmen Callus f'paġ. 150 – 1 tal-proċess*
[8] *Ara x-xhieda ta' Graziella Hughes f'paġ. 94 – 5 tal-proċess*
[9] *Ara Dok. "C" f'paġ. 111 tal-proċess*
[10] *Ara x-xhieda ta' Jeffrey Hughes f'paġ. 129 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "JHD" f'paġ. 104 tal-proċess*
[11] *Ara x-xhieda ta' l-imħarrka Charmaine Falzon mogħtija fil-kontroeżami f'paġ. 231 – 2 u 234 tal-proċess*

*Illi fil-11 ta' Mejju tal-2012[12], Charmaine Falzon biegħet u ttrasferiet lill-imħarrek Cassar u lil persuna oħra, sehemha ta' nofs mhux maqsum tal-appartament numru tnejn (2) li jagħmel minn binja bl-isem ta' "Saint Catherine Flats", fi Triq id-Dwiemes (ġja Triq ix-Xejba) fiż-Żejtun, taħt il-kundizzjonijiet miftehma f'att nutarili pubbliku. Fost dawk il-kundizzjonijiet kien hemm dik li Falzon ma kienet qiegħda tirċievi xejn mill-konsiderazzjonijiet tal-prezz ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000) li kien il-prezz tal-bejgħ minnha ta' dak is-sehem, iżda hija kienet qiegħda tinħeles minn kull obbligazzjoni b'rabta mal-imsemmi fond ("being liberated from any obligations in connection with the said property")[13], liema rabtiet kien ser jidħol jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek xerrej Cassar. Għaldaqstant, l-imħarrka Falzon inħelset mid-dejn li hi u l-imħarrek Cassar kellhom mal-Bank u mill-ipoteka li l-bank kellu fuq ġidha[14];*

*Illi dakinhar ukoll, saret kitba privata[15] li fuqha dehru l-imħarrkin Frances Cassar u Filippa Bonniċi, u l-atturi Josephine Mifsud u Karmena Callus min-naħa waħda, u l-imħarrek Cassar min-naħa l-oħra, li biha qablu li kull obbligu li ntrabtet bih l-imħarrka Falzon fil-kitba tat-13 ta' Jannar 2011 mal-kreditur, tgħaddi fuq l-imħarrek Cassar u li "Minn issa 'l quddiem, Charmaine Falzon tiġi rilaxxata minn kwalunkwe obbligu" fir-rigward ta' dak id-dejn jew dak li kien għad fadal minnu. Jirriżulta, iżda, li l-imħarrek Cassar ma ffirmax dik il-kitba[16]. Ma jirriżultax lanqas li l-imħarrka Falzon innotifikatu biha b'xi att ġudizzjarju;*

*Illi fl-11 ta' Frar, 2013[17], l-imħarrek Cassar permezz ta' cheque maħruġ minn Jeffrey Hughes, għadda lill-attriċi Joyce Fenech Borġ (f'isem il-werrieta tal-kreditur), l-ammont ta' tlett elef, tliet mija u tmienja u għoxrin ewro (€3,328) rappreżentanti arretrati fuq id-dejn sat-28 ta' Jannar, 2013[18], mill-ħlas li kellu jsir minnu skond il-ftehim milħuq mal-kreditur. Fl-1 ta' Marzu, 2013 inħarġet riċevuta ta' dak il-ħlas mill-avukat tal-atturi;*

*Illi l-imħarrek Cassar ħallas ukoll il-pagamenti għax-xahar ta' Frar u Marzu, 2013, fl-ammont ta' mitejn sebgħa u sebgħin ewro, u tnejn u tletin ċenteżmi (€277.32) fi flus;*

*Illi fit-28 ta' April, 2013[19], Jeffrey Hughes ħareġ cheque ieħor f'isem l-attriċi Joyce Fenech Borġ għall-ammont ta' mija, tmienja u tletin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€138.66). Dan iċ-ċekk ġie rifjutat għaliex ma nħariġx minn kont li jsejjaħ lill-imħarrek Cassar[20]. Aktar 'il quddiem, l-imħarrek Cassar*

---

[12] *Ara Dok. "CF2" f'paġ. 71 – 7 tal-proċess*
[13] *Ibid. f'paġ. 75 tal-proċess*
[14] *Ara x-xhieda tan-Nutar Vanessa Poole f'paġ. 175 tal-proċess*
[15] *Ara Dok. "CF1" f'paġ. 70 tal-proċess*
[16] *Ara l-affidavit tal-imħarrek Cassar f'paġ. 165 – 6 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tan-Nutar Vanessa Poole f'paġ. 174 – 5 tal-proċess*
[17] *Ara Dok. "JHA" f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess*
[18] *Dok "JHB", f'paġ. 102 tal-proċess*
[19] *Ara Dok. "H" f'paġ. 119 tal-proċess*
[20] *Ara Dok. "H" f'paġ. 118 tal-proċess*

*ħareġ cheque għal kull werriet għall-istess ammont, bl-esklużjoni ta' Joyce Fenech Borġ. Il-flus lill-attriċi Fenech Borġ kienu ser jgħaddu dirett f'idejha bit-tama li toħroġ irċevuta għall-ammont li l-imħarrek kien ħallas għax-xahar ta' Frar u Marzu ta' qabel. Dawn iċ-ċekkijiet ma ssarfux mill-bank għaliex l-imħarrek kien ilu ma jużah iċ-cheque book u min-naħa tal-bank iċ-ċekkijiet ma ġewx ipproċessati. Il-werrieta ġew mgħarrfa b'dan l-iżball, iżda wħud mill-werrieta kienu diġà laħqu marru l-Bank biex isarrfuhom[21]. L-imħarrek Cassar reġa' ħareġ sensiela ta' ċekkijiet oħra bil-ħlas, iżda din id-darba l-werrieta rrifjutaw li jsarfuhom minn jeddhom[22]. Sadattant, f'April, 2013, l-attur Ġanni (John) Mercieca ħareġ irċevuta għall-ammont li l-werrieta kienu rċevew bħala ħlas tax-xhur ta' Frar u Marzu, 2013[23];*

*Illi jirriżulta mill-atti li l-partijiet ma bdewx jaqblu fuq il-mod kif kellhom isiru l-bqija tal-ħlasijiet[24], u fis-6 ta' Diċembru, 2013, l-atturi talbu w kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontra l-imħarrek Cassar u l-imħarrka Charmaine Falzon għas-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u tmintax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€13,418.53) b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħhom; Illi fl-isess jum, l-atturi fetħu din il-kawża;*

*Illi fis-19 ta' Diċembru, 2013[25], u fil-21 ta' Jannar, 2014[26], Charmaine Falzon u Dione Cassar talbu l-Ħruġ ta' Kontro Mandat għal Mandat ta' Sekwestru numru 1857/13, liema talbiet għar-raġunijiet hemm imfissra, ġew miċħuda permezz ta' degrieti tat-30 ta' Jannar, 2014, u tal-21 ta' April, 2014, rispettivament;*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-kawża,</u> l-atturi jorbtu t-talbiet tagħhom mal-kunċett tat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien mogħti lil debitur biex iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu. Fil-każ tal-lum, l-obbligazzjoni kienet tikkonsisti fi ħlas lura ta' dejn magħruf. Dan il-ħlas lura kellu jsir f'radd lura tas-somma misselfa mifrux fuq medda ta' żmien u b'rati ta' ħlasijiet maqbula fl-istess kitba tal-kostituzzjoni tad-dejn. L-atturi jgħidu li seħħew ċirkostanzi li, minħabba fihom, l-imħarrkin tilfu dak il-benefiċċju li jibqgħu jistennew sal-għeluq kollu taż-żmien li l-kreditur kien ikkonċeda lid-debituri tiegħu;*

*Illi l-imħarrkin, min-naha tagħhom, iressqu tliet difiżi differenti minn xulxin. Filwaqt li l-imħarrka Falzon tgħid li hi ħarġet mix-xena għaliex sehemha mid-dejn refgħu l-imħarrek Cassar u saħansitra s-sehem tagħha ġie maħfur minn uħud mill-werrieta, l-imħarrek Cassar jgħid li mhux minnu li hu ma jridx iħallas u jitfa' l-ħtija fuq uħud mill-atturi li ma qablux bejniethom jekk jaċċettawx il-ħlas li offrielhom u kif ukoll dwar kif il-ħlas min-naħa tiegħu għandu jitwettaq. Iżid jgħid ukoll li l-imħarrka Falzon trid terfa' r-responsabbiltà tagħha wkoll f'dan il-ħlas lura għaliex hu ma ħelishiex mid-*

---

*[21] Ara x-xhieda ta' John Mercieca f'paġ. 145 tal-proċess*
*[22] Ara l-affidavit tal-imħarrek Cassar f'paġ. 165 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. f'paġ. 39 sa 46 u 109 – 110 tal-proċess*
*[23] Ara Dok. "F" f'paġ. 115 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrek Cassar f'paġ. 163 tal-proċess u dak ta' Graziella Hughes f'paġ. 85 tal-proċess*
*[24] Ara Dok. "I" f'paġ. 120 – 6 tal-proċess*
*[25] Rikors Numru 1206/13JRM*
*[26] Rikors Numru 48/2014 JRM*

*dejn li daħlet għalih miegħu. Fit-tielet post, hemm id-difiża tal-imħarrkin l-oħrajn Bonniċi u Cassar, li min-naħa tagħhom, jgħidu li huma qegħdin fil-kawża għalxejn għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma werrieta wkoll tal-kreditur;*

*Illi, dwar id-difiża ta' dawn tal-aħħar, il-Qorti tagħraf li l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma ssemmihom (u lanqas l-ebda waħda mill-premessi tar-rikors promotur). Kif sewwa jgħidu l-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[27], ir-raġuni waħdanija li huma ħarrku wkoll lill-imsemmija żewġ persuni kienet biex il-ġudizzju jkun sħiħ, u għaliex huma kaxkru saqajhom biex jitolbu l-ħlas tal-bilanċ tad-dejn. Li kieku omm l-imħarrek Cassar u zitu Pina Bonniċi ma ddaħħlux fil-kawża, l-Qorti m'għandhiex dubju li kienet titqajjem eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux sħiħ. Fuq kollox, l-imħarrkin Frances Cassar u Pina Bonniċi huma wkoll werrieta tal-kreditur, u ma tħarrkux għalxejn. Jekk huma ma jisħqux fuq il-ħlas ta' sehemhom mid-dejn bilanċjali, dik hija għażla tagħhom;*

*Illi biex il-Qorti tqis b'mod xieraq is-siwi tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin Cassar u Falzon, jeħtieġ li jsiru osservazzjonijiet oħra. Il-ġrajja ta' dan il-każ trid titqies fil-qafas tar-regola li l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni sseħħ hekk kif il-parti tintrabat biha. Bħala regola, (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba[28]; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[29]. Fl-aħħar nett, dwar dan il-punt, huwa stabilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku[30];*

*Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu mertu tal-każ li saret bejn il-kreditur u l-imħarrkin Cassar u Falzon kienet turi li l-partijiet qablu li d-dejn jitħallas fuq medda ta' żmien u bi ħlasijiet f'rati determinati fl-istess kitba. Inftiehem ukoll li, f'każ li l-kreditur kellu jiġi nieqes qabel ma jkun inqata' d-dejn, il-ħlas ried jissokta favur il-werrieta tiegħu. Ma kienet imdaħħla l-ebda klawsola li tgħid li n-nuqqas ta' ħlas fil-waqt jew b'anqas mir-rati msemmija kien iġib xi effett fuq it-terminu konċess;*

*Illi l-imħarrka Falzon tisħaq li s-self mill-kreditur sar biex hi u l-imħarrek*

[27] *§§ 52 sa 56 f'paġ. 253 tal-proċess*

[28] *P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***

[29] *App. Ċiv. 6.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet* ***Gatt vs Cuschieri noe (Kollez. Vol: XXXIX.i.221)*** *u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija*

[30] *Ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

*Cassar – li sa dak iż-żmien kienu f'relazzjoni – ikollhom biex iħallsu għall-kisba ta' post fuq att ta' konvenju. Il-kitba nnifisha ma tagħti l-ebda ħjiel x'kien l-għan li għalih il-kreditur silef dik is-somma. Għalkemm jidher li l-imħarrek Cassar u oħtu jippruvaw ixejnu dan l-għan (billi jgħidu li biċċa mill-flus misselfa ntużaw mill-imħarrka Falzon biex kisbet karozza f'isimha), din il-Qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuq id-dikjarazzjoni tal-imħarrka Falzon f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, ladarba l-miżżewġin Hughes kienu qegħdin imexxu l-flus tal-imħarrek Cassar, il-fatt waħdu li nħareġ ċekk lil "dealer" ta' karozzi ma jfissirx tabilfors li l-flus kienu ġejjin mis-self magħmul mill-kreditur, ladarba l-prokura mogħtija minn Cassar kienet waħda ġenerali u ladarba f'dak iż-żmien l-imħarrek Cassar kellu dħul ieħor mill-impieg tiegħu. Fit-tieni lok, il-kuntratt pubbliku li bih l-imħarrek Cassar kiseb sehem l-imħarrka Falzon mill-post fi Triq id-Dwiemes, iż-Żejtun, fih klawsola li teħles lill-imħarrka minn kull rabta jew pretensjoni dwar l-imsemmi ġid ukoll mill-istess imħarrek Cassar minflok tħallset sehemha mit-trasferiment. Fit-tielet lok, l-atturi ma kinux f'qagħda li jmeru jew jiċħdu l-verżjoni tal-imħarrka Falzon dwar l-għan li għalih sar is-self, għaliex lanqas biss kienu jafu li kien sar dak is-self jekk mhux żmien wara l-mewt tal-kreditur;*

*Illi, kif ingħad bosta drabi, l-għoti ta' żmien lid-debitur tal-obbligazzjoni huwa eċċezzjoni għar-regola fuq imsemmija dwar it-twettiq tar-rabta kuntrattwali. Il-liġi nnifisha tagħti li jista' jsir qbil li l-obbligazzjoni titwettaq billi jingħata żmien[31]. Iżda ż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha[32], u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien[33], li huwa benefiċċju meqjus mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni[34]. Dan il-benefiċċju jista' jingħata suġġett għal kundizzjonijiet li, hekk kif iseħħu jew xi waħda minnhom, iż-żmien mogħti jintilef. Il-liġi taħseb ukoll għat-telfien ta' benefiċċju bħal dan meta d-debitur ma jibqax solvibbli, jew iseħħ bdil fil-kundizzjoni tiegħu b'mod tali li jqiegħed fil-periklu l-ħlas talkreditu[35] . Il-fatt waħdu li debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas b'rati li jkunu miftehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu ma jwassalx għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur[36]. Min-naħa l-oħra, il-bdil fil-qagħda tad-debitur li jwassal għall-periklu li l-kreditu ma jitħallasx irid ikun aktar minn sempliċi frott ta' dubju, suspett jew tħassib dwar is-solvibilità tad-debitur[37];*

*Illi minn dak li ħareg waqt is-smigħ tal-kawża, jirriżulta li t-tmexxija tal-flus tal-imħarrek Cassar kienet fdata f'idejn ir-raġel ta' oħtu, Jeffrey Hughes[38]*

---

[31] *Art. 1070(1) tal-Kap 16*
[32] *Art. 1071 tal-Kap 16*
[33] *Art. 1072 tal-Kap 16*
[34] *Art. 1073 tal-Kap 16*
[35] *Art. 1079 tal-Kap 16*
[36] *Ara, per eżempju, P.A. 26.3.1957 fil-kawża fl-ismijiet* ***Borġ vs Vella Muscat (Kollez. Vol: XLI.ii.948)***
[37] *P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet* ***J Grima & Sons Ltd. vs Anton Aġius***
[38] *Prokura tat-28.1.2010 f'paġ. 106 – 8 tal-proċess*

*u l-istess oħtu. Jirriżulta li l-flus mingħand il-kreditur għaddew għand Graziella Hughes u din ta' l-aħħar saħansitra bdiet taffettwa l-ħlasijiet lill-werrieta wara li miet il-kreditur u wara li nfetaħ it-testment u ntlaħaq ftehim dwar min kellu jitħallas u s-sehem ta' kull wieħed. L-atturi dan id-dettal (tal-prokura) ma kinux jafuħ u lanqas ma setgħu jkunu jafu bih jekk mhux għax qalilhom l-imħarrek Cassar jew il-prokuraturi tiegħu, Hughes. Fil-fatt, il-problemi mal-werrieta (l-atturi) tista' tgħid kibru meta l-atturi rrifjutaw li l-ħlas isir b'cheque maħruġ minn żewġ Graziella Hughes, Jeffrey. Huma riedu li jkollhom x'jaqsmu biss mal-imħarrek Cassar u li l-ħlasijiet isiru minnu; Illi mill-provi mressqa jirriżulta li mis-somma ta' €19,802.91, Dione Cassar ħallas tlett elef seba mija ħamsa u sittin ewro, tnejn u tletin il-ċenteżmu (€3,765.32)[39]. Jidher li wara l-ħlas ta' arretrati li jkopri l-perjodu bejn Frar 2011 u t-28 ta' Jannar, 2013, il-ħlas sar kull xahar sakemm inqala' d-diżgwid minħabba ċ-ċekk maħruġ minn Hughes għax-xahar ta' April, u l-fatt li għall-ħlasijiet li saru għax-xhur ta' Frar u Marzu 2013, l-atturi damu ma ħarġu rċevuta;*

*Illi lil hinn minn dan id-diżgwid, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-imħarrek Cassar fil-fatt ma riedx jonora l-obbligu tiegħu. Għall-kuntrarju, lill-Qorti jirriżultalha li l-imħarrek Cassar, bl-għajnuna ta' oħtu u żewġha, ippruvaw diversi modi biex iwasslu l-flus għand il-werrieta, inkluż li jidħlu fi spejjeż żejda u jibagħtu l-ħlas b'posta reġistrata. Ġieli kellha talbiet biex jintbagħat ħlas wieħed, u ġieli kienu jintalbu jibagħtu ħlas għal kull wieħed mill-werrieta, u ġieli saru talbiet li l-ħlas isir fi flus kontanti. Il-Qorti, kif tenniet aktar 'il fuq, għandha dejjem iżżomm quddiem għajnejha l-prinċipju li t-tneħħija tal-għoti ta' żmien ta' obbligazzjoni lid-debitur għandha titqies bħala eċċezzjoni għar-regola;*

*Illi, madankollu, l-atturi jisħqu li b'dak li għamel l-imħarrek Cassar, ġab fuqu qagħda li twassal għal tħassib serju dwar kemm se jħallas il-bilanċ lilhom dovut. Huma jgħidu li dan il-biżgħa ssarraf f'ħaġa konkreta meta s-sekwestratarji tal-Mandat kawtelatorju maħruġ minnhom ma iddepożitaw l-ebda fondi oħrajn wara Frar tal-2015. Fl-istess waqt, ħareġ li bis-saħħa tal-istess Mandat inżammew bi kważi € 11,000 fi tliet depożiti magħmulin b'ċedoli mis-sekwestratarji. Dik is-somma, għalkemm ma għaddietx għand l-atturi, għadha depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti u tista' tkun disponibbli lill-atturi f'każ li jirbħu l-kawża. Min-naħa l-oħra, li kieku l-ħlasijiet miftehma saru skond il-ftehim u bir-rati msemmija fil-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu, id-dejn kollu kien irid jinqata' fi żmien għaxar snin u erba' xhur minn dakinhar tal-kitba. Fi kliem ieħor, li kieku mhux għat-talba tal-atturi biex jitneħħa l-benefiċċju tal-ħlas, iż-żmien sal-lum kien ikun għadu m'għalaqx;*

*Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru, marbuta mal-prinċipji li jgħoddu għall-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma ġabux 'il quddiem raġunijiet tajbin biżżejjed u skond il-liġi biex tħaddem ir-regola tal-artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili u, fin-nuqqas ta' klawsola espressa fil-kitba, ma ssibx li hemm raġunijiet biżżejjed biex tħassar il-benefiċċju taż-żmien;*

---

[39] *€160 + €3,328 + €277.32*

*Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li t-**tieni talba attriċi** hija mistħoqqa u mhux se tilqagħha;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel talba** l-Qorti tqis li l-atturi qegħdin jitolbu li l-imħarrkin jitqiesu bħala debituri fis-somma ta' €13,418.53 "jew somma verjuri". Tirrileva li l-atturi qegħdin jgħidu li dik is-somma kollha, hi kemm hi, hija dovuta lilhom u bejniethom. Min-naħa l-oħra, mill-imħarrkin kollha, kien biss l-imħarrek Cassar waħdu li jikkontesta (fit-tmien eċċezzjoni tiegħu) l-ammont pretiż mill-atturi. Minn dak li joħroġ mit-testment tal-kreditur, l-atturi bejniethom messhom tlittax-il sehem minn ħmistax (13/15) wirt tiegħu[40]. Iż-żewġ imħarrkin Pina Bonniċi u Frances Cassar għandhom bejniethom il-bqija tal-ishma (2/15). L-atturi nfushom lanqas intrabtu b'somma preċiża għaliex kieku ma kinux jitolbu dikjarazzjoni dwar "somma verjuri". Fid-dawl ta' dan kollu, u wara li l-Qorti qieset il-provi dwar il-ħlasijiet imwettqa, tasal għall-fehma li s-somma msemmija fl-ewwel talba tqarreb sewwa lejn il-bilanċ li huwa dovut lill-atturi skont l-ishma tagħhom;*

*Illi l-imħarrek Cassar baqa' ma ressaq l-ebda prova li din il-Qorti tista' toqgħod fuqha li tmieri jew twaqqa' dak l-ammont imsemmi mill-atturi f'dik it-talba; Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba;*

*Illi biex il-Qorti tqis it-tielet talba jeħtiġilha, qabel xejn, tqis il-linja difensjonali tal-imħarrka Falzon. Falzon torbot id-dejn mertu tal-kitba bħala dejn fuq id-dar li hi u l-imħarrek xtraw fil-5 ta' April tal-2011, u li sehemha minnha assenjatu lill-imħarrek Cassar fl-imsemmi att nutarili tal-11 ta' Mejju, 2012. L-imħarrka tinqeda b'dak il-kuntratt u wkoll b'kitba li saret dakinhar biex tgħid li hija nħelset mir-rabta solidali li daħlet għaliha mal-kreditur u l-werrieta tiegħu;*

*Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja ta' difiża tal-imħarrka Falzon. Għalkemm il-kitba privata li saret fil-11 ta' Mejju, 2012[41], iġġib il-firma ta' xi kredituri (tnejn minnhom atturi fil-kawża tallum), ma ngħatax il-kunsens tal-kredituri kollha (lil hinn mill-għażla tal-imħarrek Cassar li jirrifjuta li jiffirmaha). Mela, fejn issir maħfra tad-dejn minn xi ko-kreditur in solidum, ir-rabta solidali tad-debitur tibqa' bla mittiefsa dwar il-kredituri solidali l-oħrajn li ma jkunux ħafru dak id-dejn[42]. Minbarra dan, l-obbligazzjonijiet li l-imħarrka Falzon ġiet meħlusa minnhom mill-bank permezz tal-kuntratt tal-11 ta' Mejju, 2012 fl-atti tan-Nutar Vanessa Poole, ma jidhirx li għandhom x'jaqsmu mar-rabta ta' solidarjetà li hija ntrabtet biha fil-kitba tal-kostituzzjoni ta' debitu mal-kreditur f'Jannar tal-2011, ukoll jekk dak is-self intuża biex jitħallas ix-xiri tal-post. Kif fissret in-Nutar Poole, dawn l-obbligi li l-imħarrka Falzon inħelset minnhom fuq il-kuntratt kienu jirreferu għar-rabtiet li hi u l-imħarrek Cassar kellhom mal-bank fuq id-dar u l-ipoteka li l-bank kellu fuq il-ġid tagħha u li hija nħelset minnhom billi*

---

[40] *1/3 favur l-attriċi Joyce Fenech Borġ + 1/3 favur l-atturi aħwa Merċieca + 1/15 favur l-attriċi Josephine Mifsud + 1/15 favur l-attur Saviour Farruġia + 1/15 favur l-attriċi Karmena Callus = 13/15*

[41] *Dok "H", f'paġ. 70 tal-proċess*

[42] *Art. 1093 tal-Kap 16*

*irrinunzjat għall-ħlas ta' sehemha trasferit b'dak il-kuntratt;*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrka Falzon ma seħħilhiex turi tajjeb biżżejjed li hija nqatgħet mir-rabta solidali li daħlet għaliha fil-kitba tal-kostituzzjoni ta' debitu mal-kreditur, u għalhekk l-eċċezzjonijiet tagħha f'dan is-sens mhumiex mistħoqqa. Fi kliem ieħor, għallanqas fir-rigward ta' dawk mill-atturi li ma wrewx ir-rieda tagħhom li jeħilsuha mir-rabtiet solidali msemmija, l-imħarrka Falzon tibqa' debitriċi solidali mal-imħarrek Cassar għall-ħlas tal-bilanċ tad-dejn mitlub. Jibqa' dejjem bla mittiefes il-jedd tal-imħarrek Cassar li jdur fuq id-debitriċi solidali għall-ħlas ta' sehemha mill-ħlasijiet minnu mwettqa kif ingħad qabel;*

*Illi għalhekk, it-tielet talba hija mistħoqqa u sejra tintlaqa', magħduda dik il-parti li titlob il-mixi tal-imgħax fuq is-somma dovuta minn dakinhar li nfetħet il-kawża, ladarba s-somma mitluba tirriżulta tajba.»*

10. Il-konvenut Dione Cassar appella minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Marzu 2021, fejn ressaq żewġ aggravji, ċjoè: (i) li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna li jitħallas lill-atturi l-bilanċ kollu ta' €13,418,53 għaliex kellhom jitnaqqsu minn tali ammont il-pagamenti li kienu għadhom ma sarux dovuti (skontu dawk ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2021); u (ii) li l-imgħax ingħata b'mod ħażin.

11. Għalhekk il-konvenut talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza:

*« (i) fejn ordnat lill-appellant iħallas is-somma ta' €13,418.53 flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mis-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u minflok tikkundanna lill-appellant iħallas €12,778.53;*

*u*

*(ii) fejn ordnat lill-appellant iħallas imgħax legali b'seħħ mis-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u minflok:*

*(a) jew tiddeċiedi illi fuq l-ammont li għandu jħallas l-appellant*

*m'għandhomx jiddekorru mgħaxijiet, jew*

*(b) f'każ li din il-Qorti ma taqbilx li għandha tagħmel dan, allura tiddeċiedi illi l-imgħax m'għandux ikun dovut mis-6 ta' Diċembru 2013 però għandu jibda jiddekorri fuq kull pagament rateali minn dakinhar li tali pagament isir dovut.*

*Bl-ispejjeż kontra l-appellati jew min minnhom.»*

12. L-atturi wieġbu għal dan l-appell fil-5 ta' April 2021 u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud.

13. Il-konvenuta Charmaine Falzon, la appellat mis-sentenza inkwantu din ingħatat kontriha, u lanqas ma wieġbet għall-appell tal-konvenut Dione Cassar, minkejja li ġiet debitament notifikata bl-appell u bl-avviż tas-smigħ fl-14 ta' Mejju 2024. Il-konvenuti l-oħra, Filippa *sive* Pina Bonnici, u Frances Cassar, minkejja li ġew notifikati bl-appell[43] ukoll ma ppreżentaw l-ebda tweġiba.

14. Fis-smigħ tas-17 ta' Ottubru 2024 il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Fiż-żmien li l-konvenuti Dione Cassar u Charmaine Azzopardi

[43] Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2024 Dr David Camilleri ddikjara li kien qed jidher għall-konvenuti Dione Cassar, Filippa Bonnici u Frances Cassar "*u qed jagħti ruħu* (b'notifikat) *bl-atti kollha għalihom kollha.*"

(illum Falzon) kienu f'relazzjoni flimkien, huma kienu sselfu s-somma ta' €19,802.91 mingħand Spiridione Fenech, li jiġi z-ziju ta' Frances Cassar, omm il-konvenut Dione Cassar. F'dan ir-rigward, fit-13 ta' Jannar 2011[44] kienu għamlu skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn ġie dikjarat hekk:

> *«Bis-saħħa ta' din l-iskrittura privata d-debituri solidament bejniethom qegħdin jikkostitwixxu ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri versu u a favur tal-kreditur li jaċċetta, u fil-każ li l-imsemmi kreditur jiġi nieqes, a favur l-eredi tiegħu, fis-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u żewġ Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (EUR 19,802.91) liema somma ġiet mislufa brevi manu mill-kreditur lid-debituri solidament.*
>
> *Id-debituri jobbligaw ruħhom illi din is-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u żewġ Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (EUR 19,802.91) tiġi restitwita lill-kreditur, li jaċċetta, bir-rata ta' mija u sittin Euro (EUR 160) fix-xahar, liema pagamenti jsiru fit-tmienja u għoxrin (28) ġurnata ta' kull xahar, u tali pagamenti jkomplu jsiru sakemm is-somma msemmija tkun imħallsa kollha.»*

16. Ġara li Spiridione Fenech, li kien għażeb, miet xahar wara, fis-16 ta' Frar 2011, meta l-konvenuti kienu laħqu għamlu pagament wieħed biss. Skont it-testment tiegħu tat-8 ta' Mejju 2009[45] fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech wirtuh l-atturi u l-konvenuti Filippa Bonnici u Frances Cassar. L-Ewwel Artikolu tat-testment jaqra hekk:

> *«It-testatur Spiro Fenech qiegħed jinnomina u jistitwixxi bħala eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti ta' ġidu kollu inkwantu għal terz (1/3) ta' ġidu lin-neputija tiegħu Joyce Fenech, bint ħuh Angelo, inkwantu għal wieħed minn ħmistax (1/15)-il parti indiviża kull wieħed minn ġidu lin-neputijiet tiegħu Josephine Cassar, John Mercieca, u Pinu Mercieca, ulied il-mejta oħtu Carmela Mercieca, u inkwantu għal wieħed minn ħmistax (1/15) il-parti indiviża kull wieħed minn ġidu lil Peter u Paul aħwa Mercieca ulied il-mejjet Lino (in-neputi tat-testatur, iben il-mejta oħtu Carmela Mercieca) li huma residenti l-Ingilterra, u inkwantu għal wieħed minn ħmistax-il (1/15) parti indiviża kull wieħed favur in-neputijiet tiegħu Pina Bonnici, Salvu Farrugia, Josephine Mifsud, Carmela Callus u Frans*

[44] F'paġni 15-16 tal-atti tar-rikors 1206/2013 għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1857/13; u wkoll f'paġni 10-11 tal-atti tar-rikors 48/2014 għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1857/13. Fl-ebda waħda mill-kopji ma jidhru l-firem tal-kontraenti.
[45] F'paġni 17-19 tal-atti tar-rikors 1206/2013; u wkoll f'paġni 12-14 tal-atti tar-rikors 48/2014.

> *Cassar[46], aħwa Farrugia, ulied oħt it-testatur Ġużeppa Farrugia, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom f'każ ta' premorjenza għat-testatur mingħajr tfal.»*

17. Ifisser għalhekk li d-disa' atturi bejniethom wirtu $^{13}/_{15}$[47] tal-ġid ta' Spiridione Fenech, filwaqt li ż-żewġ konvenuti Filippa Bonnici u Francis Cassar bejniethom wirtu $^{2}/_{15}$. Dawn tal-aħħar iddaħħlu fil-kawża bħala konvenuti minħabba li ma ridux jipproċedu b'din il-kawża flimkien mal-eredi l-oħra (l-atturi), minkejja li huma kredituri flimkien magħhom fir-rigward tas-self inkwistjoni.

18. Wara li sar l-ewwel ħlas ta' €160 lil Spiridione Fenech innifsu (li kien dovut fit-28 ta' Jannar 2011), din il-Qorti tikkalkula li l-bilanċ tal-kreditu favur id-disa' atturi kien ta' **<u>€17,023.85</u>** ($^{13}/_{15}$ ta' €19,642.91[48]), u li s-sehem dovut lill-atturi kull xahar kien ta' **€138.66** ($^{13}/_{15}$ ta' €160).

19. Kif osservat l-Ewwel Qorti sar ħlas ta' **<u>€3,328</u>** rappreżentanti arretrati għall-perjodu ta' sentejn (24 xahar) mit-28 ta' Frar 2011 sat-28 ta' Jannar 2013[49], u sar ukoll ħlas ta' **<u>€277.32</u>** (€138.66 għax-xahar ta' Frar 2013 u €138.66 għax-xahar ta' Marzu 2013).

20. Wara l-pagament ta' Marzu 2013, meta allura s-sehem tal-atturi tal-

---

[46] Jidher li r-referenza għal "Frans Cassar" bħala waħda mill-aħwa Farrugia, hija għall-konvenuta Frances Cassar (omm il-konvenut Dione Cassar).

[47] L-attriċi Josephine Fenech Borg wirtet 5/15 (1/3) u t-tmien atturi l-oħra wirtu 1/15 kull wieħed.

[48] €19,802.91 - €160 = €19,642.91.

[49] €138.66 x 24 = €3,327.84

bilanċ tal-kreditu kien fl-ammont ta' <u>**€13,418.53**</u>[50], inqala' d-diżgwid u għalhekk saret din il-kawża għall-ħlas ta' dan l-ammont "*jew somma oħra verjuri".*

21. L-Ewwel Qorti, wara li qieset il-provi dwar il-ħlasijiet imwettqa qalet li kienet tal-fehma li s-somma ta' €13,418.53 "*tqarreb sewwa lejn il-bilanċ li huwa dovut lill-atturi skont l-ishma tagħhom".* Din il-Qorti, abbażi tal-kalkoli li għamlet aktar 'il fuq, issib li l-ammont ta' €13,418.53 mhux biss "iqarreb", imma effettivament <u>jirrappreżenta eżatt</u> il-bilanċ dovut lill-atturi, dejjem skont l-ismha tagħhom ta' $^{13}/_{15}$.

22. Permezz tal-<u>**ewwel aggravju**</u>, il-konvenut appellant jilmenta bil-fatt li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet li kienet infondata t-tieni talba tal-atturi biex jiġi dikjarat li ntilef il-benefiċċju tat-terminu, hija ordnat li kellu jitħallas il-bilanċ <u>kollu</u> ta' €13,418.53, minkejja li sat-18 ta' Frar 2021, ċjoè d-data li ngħatat is-sentenza, kien għad hemm pagamenti li kienu għadhom mhux dovuti. Il-konvenut appellant isostni li sad-data tas-sentenza kienu għadhom dovuti l-pagamenti ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2021 u li allura meta ngħatat is-sentenza, il-bilanċ dovut kien ta' <u>€12,778.53</u> (€13,418.53 - €640[51]) u mhux ta' €13,418.53.

23. Din il-Qorti tippreċiża li sad-data tas-sentenza, il-bilanċ dovut lill-

[50] €17,023.85 - €3,328 - €277.32 = €13,418.53
[51] €160 x 4 = €640

atturi fil-fatt ma kienx ta' €12,778.53, kif jippretendi l-konvenut appellant, iżda ta' €13,034.04. Kif fuq spjegat, il-pagamenti li kienu laħqu saru jkopru dak li kien dovut lill-atturi (fis-sehem tagħhom ta' $^{13}/_{15}$) sat-28 ta' Marzu 2013. Ifisser għalhekk li:

- għall-perjodu mit-28 ta' April 2013 sat-28 ta' Marzu 2020 (7 snin li jinkludu fihom ix-xahar kollu ta' April 2013) kienet dovuta lill-atturi s-somma ta' €11,647.44 (€138.66 x 12 x 7); u

- għall-perjodu mit-28 ta' April 2020 sat-28 ta' Jannar 2021 (10 xhur li jinkludu fihom ix-xahar kollu ta' April 2020) kienet dovuta lill-atturi s-somma ta' €1,386.60 (€138.66 x 10).

24. Għalhekk meta ngħatat s-sentenza fit-18 ta' Frar 2021 kienet dovuta lill-atturi s-somma ta' €13,034.04[52]. Ir-rimanenti somma ta' €384.49[53] kellha titħallas fuq medda ta' tliet xhur kif isegwi:

- 28 ta' Frar 2021 - €138.66
- 28 ta' Marzu 2021 - €138.66
- 28 ta' April 2021 - €107.17.

25. Għalhekk, filwaqt li hu minnu li fid-data tas-sentenza kien hemm ammont li kien għadu mhux dovut, dan l-ammont kien ta' €384.49 u mhux

[52] €11,647.44 + €1,386.60
[53] €13,418.53 - €13,034.04 = €384.49

ta' €640, għax il-bilanċ dovut sad-data tas-sentenza kien ta' €13,034.04 u mhux ta' €12,778.53, kif isostni l-konvenut appellant.

26. Issa għalkemm dan l-aggravju teknikament huwa fondat (limitatament għas-somma ta' €384.49), assolutament mhux il-każ li din il-Qorti tvarja s-sentenza, ladarba fil-mori ta' dan l-appell (saħansitra sat-28 ta' April 2021) suppost kellu jkun imħallas l-aħħar bilanċ. Fil-fatt din il-Qorti ssib li għandhom raġun l-atturi appellati meta jargumentaw li: *«dan l-aggravju tal-appellant huwa għalkollox negliġibbli, stante li sakemm dan l-appell ser jiġi appuntat u deċiż, huwa għalkollox raġonevoli li dawn l-iskadenzi ser ikunu saru dovuti.»*

27. It-**tieni aggravju** tal-konvenut appellant jirrigwarda l-kwistjoni tal-imgħax.

28. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Frar 2021 ordnat li fuq is-somma ta' €13,418.53 (li kif fuq spjegat tirrappreżenta l-pagamenti kollha li kellhom isiru lill-atturi, fis-sehem tagħhom ta' $^{13}/_{15}$, bejn it-28 ta' April 2013 u t-28 ta' April 2021) kellu jitħallas imgħax legali mid-data tas-6 ta' Diċembru 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv.

29. Il-konvenut appellant iżda jsostni li ladarba huwa kien għamel tentattivi biex iħallas u kienu l-atturi stess li rrifjutaw il-ħlas ifisser li l-

ammont baqa' dovut minħabba raġuni barranija għalih, u allura m'għandux ikun hemm kundanna ta' imgħax. Mingħajr ħsara, jgħid li *kwalsiasi* mgħax li għandu jitħallas kellu jitlaq mid-data ta' meta kull pagament kien dovut, ċjoè għas-skaletta kull xahar, u mhux minn data fissa.

30. L-Ewwel Qorti fil-fatt irriżultalha li l-konvenut kien effettivament għamel tentattivi biex iħallas u li, "l-*atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-imħarrek Cassar fil-fatt ma riedx jonora l-obbligi tiegħu*." Tenniet li, "*għall-kuntrarju, lill-Qorti rriżultalha li l-imħarrek Cassar, bl-għajnuna ta' oħtu u żewġha, ippruvaw diversi modi biex iwasslu l-flus għand il-werrieta, inkluż li jidħlu fi spejjeż żejda u jibagħtu l-ħlas b'posta reġistrata*." Madankollu kif jargumentaw l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, il-konvenut seta' dejjem jeżimi ruħu mir-responsabbiltà billi joffri l-ħlas u jekk dan jiġi rifjutat jiddepożita l-istess ħlasijiet fir-Reġistru tal-Qorti proprju peress li l-ammont kien ċert, likwidu u dovut, u għalhekk "l-*appellant ma kellu l-ebda skuża*" biex ma jagħmilx dan. Sfiq ma' dan, hekk kif ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet ***Carmela Cassar et v. Tarcisio Azzopardi et***: *L-art. 1141(2) huwa applikazzjoni tal-prinċipju lite contestata usuræ currunt. L-imgħax mela kellu jibda jgħaddi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizjarju. Ir-raġuni hija illi d-debitur, għalkemm imsejjaħ biex iħallas, baqa' jgawdi flus li suppost kellu jgawdihom il-kreditur. Dak il-benefiċċju għalhekk għandu*

*jgħaddih lill-kreditur fil-forma ta' mgħaxijiet; ma għandux jieħdu d-debitur il-benefiċċju talli dewwem il-ħlas.»* Kemm hu hekk, mhux biss il-konvenut ma ddepożitax il-flus iżda kien biss abbażi tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ntalab il-ħruġ tiegħu mill-atturi li ġew depożitati bi kważi €11,000. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, din il-Qorti ma taqbilx li m'għandux ikun hemm kundanna għall-ħlas tal-imgħax.

31. Din il-Qorti però ssib li għandu raġun il-konvenut appellant jgħid li ma jaqbilx mal-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-imgħax għandu jitlaq fuq l-ammont kollu ta' €13,418.53 u dan sa mis-6 ta' Diċembru 2013.

32. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-imgħax għandu jinħadem hekk:

(a) fir-rigward tad-disa' (9) pagamenti mensili dovuti rispettivament mit-28 ta' April, 2013 sat-28 ta' Diċembru, 2013 m'hemm l-ebda mgħax dovut sat-3 ta' Diċembru, 2014 minħabba li kien biss f'tali data li r-rikors maħluf tas-6 ta' Diċembru 2013 ġie notifikat lill-konvenut[54]. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2005: *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ*

[54] **Art. 1141. (1)** *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
**(2)** ***F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.***
(enfasi ta' din il-Qorti).

*interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**).»* (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ġunju, 2024 fl-ismijiet ***Joseph Schembri et v. Saviour sive Sammy Attard***).

Għalhekk l-imgħax fuq tali ammont kumplessiv ta' **€1,247.94**[55] huwa dovut mill-konvenut appellant mit-3 ta' Jannar 2014;

(b) fir-rigward tat-tmienja u tmenin (88) pagament mensili dovuti rispettivament mit-28 ta' Jannar, 2014 sat-28 ta' April, 2021 (seba' (7) snin u erba' (4) xhur li jinkludu fihom ix-xahar kollu ta' Jannar 2014), l-imgħax fuq tali ammonti (li komplessivament jammontaw għal **€12,170.59**[56]) huwa dovut mill-konvenut appellant "*a scaletta*" minn kull xahar li kull wieħed mit-tmienja u tmenin (88) pagament sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

33. F'dan ir-rigward jirriżulta li t-tieni aggravju tal-konvenut appellant huwa siewi.

---

[55] €138.66 x 9 = **€1,247.94**

[56] €12,063.42 (€138.66 x 87) + l-aħħar pagament ta' €107.17 = **€12,170.59**

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-konvenut Dione Cassar u konsegwentement qiegħda tvarja biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat li l-imgħax għandu jitlaq fuq l-ammont kollu ta' €13,418.53 mis-6 ta' Diċembru 2013, u minflok din il-Qorti tordna li l-imgħax għandu jitħallas kif spjegat minnha aktar 'il fuq  fil-paragrafu numru 32. Mill-bqija s-sentenza appellata qiegħda tiġi konfermata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-konvenut u l-atturi appellati (peress li dawn tal-aħħar sostnew li s-sentenza appellata kellha tiġi kkonfermata fis-sħiħ, inkluż għal dak li jirrigwarda l-imgħax).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da